MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 4/1994/4

**Fl-atti tal-falliment ta’ Francis Galea, bin il-mejtin John u Maria nee Macnery, imwieled il-Floriana u residenti l-Belt Valletta, karta tal-identita numru 141439(M)**

Il-Qorti

Rat in-nota tal-1 ta’ Marzu 1994 tal-imsemmi Francis Galea fejn gie sottomess:-

Illi huwa kien jahdem ghal-rasu, billi kien jezercita fil-kummerc sas-sena 1982, bhala antique dealer;

Illi, filwaqt li kien jezercita f’ismu personali, kellu wkoll hanut b’isem “Frauleine Jewellery”, liema hanut kien f’City Lights, Valletta, u ghalhekk ma kienx imexxi permezz ta’

socjeta, imma kien imexxi wkoll bhala wholesaler aparti mill-fatt li kien reailer. (Dok. A);

Illi nonostante l-investiment li kien ghamel kemm biex igib ix-xoghol ghall-bejgh kif wkoll l-investiment biex jirranga l-hanut li kellu biex imexxi ahjar in-negozju liema negozju kien mikri ghandu, dan l-istess hanut dam ghandu ghall-mhux aktar minn sena u nofs u cioe mill-1981 sa Awissu 1982, ghaliex ma kienx qed jaghmel il-qliegh mehtieg;

Illi biex jinqeda ahjar f'dan in-negozju, huwa kellu wkoll facilitajiet bankarji kemm mal-Mid-Med Bank Ltd (Lascaris Wharf), kif wkoll mal-Bank of  Valletta (Republic Street);

Illi bhala parti minn negozju, hu kien igib liri tad-deheb li kienu gew sekwestrati b'intervent tad-Dwana, bil-konsegwenza ta' kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif wkoll f'Appell Kriminali, fejn gie misjub mhux hati. Pero, dan nonostante, dan il-fatt tefghu lura, tant li dawn il-liri tad-deheb baqghu fil-pussess tal-Mid-Med Bank Ltd b'ordni tal-Qorti u liema bank zammew dawn il-liri anki wara r-rebha tal-kawzi fejn sar il-bejgh taghhom bis-subbasta f'Gunju, 1993 fejn ma ha xejn mir-rikavat ghax il-flus marru direttament lil-Mid-Med Bank Ltd biex jithallas u parti minnu lis-sopcial security - Dok B u C;

Illi dawn l-izviluppi tant affettwawh, illi srvew biex jaghmluu hsara bla bzonn tant li ma setghax imexxi n-negozju;.

Illi dawn l-ahhar erba (4) snin u specifikatament minn 1989, ilu jahdem mal-Gvern u partikolarment mas-Social Security ghax kien spicca verament hazin finanzjarjament, ikar u iktar meta kien ghad kellu tfal imorru l-iskola u li jiddependu minn fuqu ghall-ghejxien;

Illi huwa ipprova jlahhaq mal-pagament, specjalment mal-banek indikati hawn fuq, imma kollu ghalxejn tant li s-somma dovuta liz-zewg banek, tant lahqu figura astronomika bl-imghaxijiet, illi mhux possibbli li jhallas dawn/dan id-dejn.- (Dok D u E;

Illi l-banek kienu fil-fatt diga pprocedew bil-proceduri ta' subbasta, fejn bhalma gie indikat qabel, inbieghu l-liri tad-deheb u dan apparti mill-fatt li bank qed jiehu somma zghira ta' Lm10 bhala kera dovuta mill-kerrejiet fi Triq San Carlo;

Illi anki certa art li ghandu, u li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwsti f'Sannat, Ghawdex maghruf bhala "Ta' Seguna", hu ipotekat mill-Mid-Med Bank Limited;

Illi safejn jaf hu,  hemm is-segwenti dejn li hu dovut:-

Mid-Med Bank Ltd - Lm40,000 circa;
Bank of Valletta - Lm34,945 circa;
Paul Camilleri - Lm2,000 circa
Paul Apap - Lm2,000 circa;
Joseph Borg Lm5,000 circa
Inland Revenue - Lm1,600 circa;

Illi konsegwentement tas-suespost, l-uniku dhul li ghandu issa hija biss prevenjenti mill-paga li ghandu bhala assistant clerk mas-Social Security, u ghalhekk peress li huwa issospenda ghal-kollox il-pagaenti minnu dovuti fuq l-ammonti hawn fuq indikati, m'ghandu xejn aktar x'jaghmel tajjeb ghall-istes dejn, u jiddikkjara ghalhekk permezz tal-presenti nota, li qieghed fi stat ta' falliment totali;

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tad-debitur Francis Galea u tal-varji kontro-esamijiet relattivi;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju 2000 li bih l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino gie nominat bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tan-nota tad-debitur tal-1 ta' Marzu 1994 u sabiex jesamina l-atti l-ohra kollha tal-kawza u jirrelata bil-miktub, bil-fakoltajiet kollha soliti inkluz li jisma x-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2001 minn fejn jirrizulta li l-imsemmi perit legali ddikjara li huwa esamina l-process u jista jikkonkludi li d-debitur kien jesercita l-kummerc u fil-fatt kellu hanut ghall-bejgh ta' fidda antika

fil-kumpless City Lights il-Belt u inoltre jirrizultalu ukoll li d-debitur waqaf milli jghamel pagamenti lill kredituri tant li ghad fadal varji kredituri;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti (kif presjeduta) tal-21 ta' Jannar 2005 fejn gie dikjarat li l-Qorti esaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-procediment, b’mod partikolari d-deposizzjoni tad-debitur inkluz il-varji kontro-esamijiet li sarulu u d-dokumenti kollha esibiti. Gie inoltre konstatat li jirrizulta b’mod sufficjenti dak kollu li ddikjara u kkonkluda l-abbli perit legali u dana skond dak li gie verbalizzat fil-kors tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2001. Ghalhekk il-Qorti ddikjarat li d-debitur Francis Galea kien jesercita l-kummerc tal-bejgh ta’ fidda antika u li l-istess debitur kien waqaf milli jghamel pagamenti lill kredituri tieghu u ghalhekk fadal li jithallsu varji kredituri. Ma jirrizultax sufficjentement li dan hu kaz ta’ falliment frawdolenti;

In vista ta’ dan kollu l-Qorti ddikjarat il-falliment ta’ Francis Galea u hatret bhala kuratur tal-falliment lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino u dana ai termini u skond il-provedimenti tal-artikoli 488 et sequitur tal-Kodici Kummercjali Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Kuratur Fallimentari l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino tat-8 ta’ Novembru 2007 fejn gie dikjarat li l-kredituri ta’ Francis Galea huma s-segwenti:-

Il-Perit Lawrence Montebello
Paul Camilleri
Joseph Borg
Kummissarju tat-Taxxi Interni

L-istess Kuratur Fallimentari inotre ddikjara li originarjament fost il-kredituri kien hemm l-HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, Paul Apap u Joseph Borg izda fil-mori ta’ dawn il-proceduri dawn l-imsemmija kredituri cedew il-krediti rispettivi taghhom a favur tal-Perit Lawrence Montebello;

Inoltre l-Kuratur Fallimentari ddikjara li l-assi tal-fallut li gew kostati sal-imsemmija data tal-istess nota huma s-segwenti:-

1. Porzjoni divisa ta' art ossia plot in parti art fabbrikabbli u in parti mhux fabbrikabbli tal-kejl ta' circa mija u disgha u sebghin punt erbgha tlieta metri kwadri (179.43mk) b'faccata ta' sitta punt tlieta metri (6.3m) fuq triq progettata bla isem li tizbokka fi triq ta' Bebunaq, tikkonfina mit-tramuntana mal-imsemmija triq progettata bla isem li tizbokka fi triq ta' Bebunaq, mill-lbic ma porzjoni divisa ta' art appartenenti lill-ahwa Cane u mil-grigal ma art ta' nies mhux mgharufa, liema porzjoni art giet asenjata lill-imsemmi Francis Galea permess ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-25 ta' Ottubru 2006;

2. Depositu ta' Lm7800 depositat fir-Registru tal-Qorti;

Rat li l-kredituri li talbu li jipprtecipw fil-falliment huma Medland Developments Limited u dana b'rikors tal-28 ta' Jannarr 2008 u l-Kummissarju tat-taxxi Interni b'rikors tal-7 ta' Jannar 2008 u dana ghall-ammonti tal-krediti kif indikati fl-istess rikosi;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti:

Rat li dawn il-proceduri kienu differiti sabiex jinghata provediment;

Tipprovdi billi ai termini tal-artikolu 514 tal-Kodici Kummercjali Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta tammetti fil-proceduri ta' dan il-falliment lill-imsemmija zewg kredituri u cioe Medland Developments Limited u l-Kummissarju tat-Taxxi In terni ghall-ammonti indikati fl-imsemmija rikorsi rispettivi taghhom u dana b'riserva ghall-ammonti kollha reklamati mir-Registratur tal-Qorti u Tribunali Civili bir-rikors tieghu tal-8 ta' Novembru 2008 u tordna li dawn il-proceduri jissoktaw fis-seduta tal-19 ta' Jannar 2009 fl-10.00 am u dan sabiex il-Kuratur tal-Falliment jghati kull informazzjoni rilevanti u necessarja;

Spejjez riservati ghal gudizzju finali

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------